# GĦALAQ 125 SENA!

## Tagħrif dwar l-Istatwa Titulari ta' San Ġużepp tal-Qala

**minn Fr Charles Buttigieg**

L-ewwel nett l-Istatwa ta' San Ġuzepp (il-Manjus) li hija statwa neo-klassika waslet il-Qala fis-sena 1890 minn Franza mid-ditta Franċiża 'Gallard et Fils' (li twaqqfet f'Marsilja fl-1830) fil-maħżen tax-xogħol tagħha fl-indirizz: 'Gallard Statuaire', 27 Rue de la Fare, Marseille, France, li għamlet diversi statwi għal Għawdex u f'Malta bħal Santa Marija taż-Żebbuġ u San Ġużepp ta' Ħal Kirkop. Hija waslet tliet snin wara dik tal-Immakulata Kunċizzjoni. Kienu l-emigranti Qalin ġewwa Marsilja li kienu ħallsu għall-istatwa. Hija statwa unika fejn naraw it-tfajjel Ġesù ta' madwar sentejn jintelaq u jserraħ rasu fuq San Ġużepp. L-istatwa għandha xebh kbir mal-istatwa ta' San Ġużepp li ħadmet l-istess ditta Franċiża ġewwa Propriano, f'Corse du Sud f'Korsika.

L-istatwa żżanżnet fl-ewwel festa ta' San Ġużepp li saret fir-raħal, fit-12 ta' Mejju 1890. Dakinhar il-Festa kienet qamet madwar 100 euro (25 skud, 4 tari' u 4 grani, illum il-festa tqum mat-62,000 euro). Dakinhar il-popolazzjoni tal-Qala kienet ta' 1,100 ruħ u kien hawn 240 dar. Skont ir-Reġistru tal-Ħruġ fl-Arkivju Parrokkjali, dakinhar il-paniġierku kien għamlu Dun Anġelo Bajada u l-mużika kienet taħt id-direzzjoni tal-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca. Kienet ħadet sehem il-banda wkoll. Fil-bidu l-Festa kienet issir fit-Tielet Ħadd wara l-Għid. Kien fis-sena 1922 li l-festa bdiet tiġi ċċelebrata fl-Ewwel Ħadd ta' Awwissu. Din mhix kumbinazzjoni għaliex il-knisja kopta tal-Eġittu tiċċelebra l-mewt tal-Patrijarka San Ġużepp kull sena fit-2 ta' Awwissu.



Il-pedistall ta' San Ġużepp li għandna llum, wasal il-Qala sebgħa u għoxrin sena wara, eżattament fit-30 ta' Marzu tal-1917. Id-disinn u l-iskultura fl-injam sar ġewwa l-Belt tal-Imdina minn Mastru Kalċidon Buġeja tar-Rabat, Malta, u sewa ħmistax-il lira sterlina, li ġew imħallsin, parti fit-3 ta' Settembru 1916 u l-bqija fis-7 ta' Novembru 1916. Kalċidon Buġeja għamel ukoll id-disinn tal-bradella tal-istatwa li ġiet maħduma fl-injam tal-ġewż u dak 'green heart' minn Ġużeppi Mercieca, mastrudaxxa u skultur mill-Qala. Il-pedistall ta' San Ġużepp, ġie ndurat bid-deheb fejn inħadem stess fl-Imdina, mill-Induratur Tumas Buġeja tal-Imdina mgħejjun mill-Induratur Ġużeppi Farrugia tal-Imdina wkoll. Interessanti li wieħed isemmi hawnhekk, li Mastru Ġużeppi Farrugia huwa n-nannu tal-induratur Horace Farrugia li ndura l-pedestall mill-ġdid xi snin ilu.

Ix-xogħol tal-induratura tal-pedistall kien sewa dsatax-il lira sterlina li ġew imħallsa fit-30 ta' Marzu 1917. B'kollox mela l-pedistall sewa s-somma ta' 34 lira; somma kbira ħafna għal dak iż-żmien meta skultur tajjeb kien jitħallas bi ftit xelini kuljum. Is-somma nġabret minn diversi ħaddiema u emigranti Qalin ġewwa Marsilja fi Franza bl-inizjattiva ta' Ġużepp Portelli ta' Pasku li kien jaħdem hemmhekk.

Meta tlesta x-xogħol tal-induratura fuq il-pedistall, bdiet mal-ewwel l-induratura tal-istatwa ta' San Ġużepp mill-istess induraturi Tumas Bugeja u Ġużeppi Farrugia, wara li l-istatwa kienet ġiet immodifikata mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Ix-xogħol tal-induratura tal-vara tlesta fit-18 ta' Marzu 1918 u sewa 24 lira u 18-il xelin u tħallsu minn żewġ sajjieda Qalin, Anġlu Buttigieg u Mikieli Attard (it-Tawru) u l-ajjutanti tagħhom. Il-ġilju tal-fidda li sewa disa' liri u 18-il xelin u ħames soldi li tħallsu minn Ġużepp Zammit taż-Żuż li jiġi l-pro-ziju tal-Isqof Mario Grech u d-dijadema tal-fidda li swiet tmien liri u 16-il xelin li tħallset minn Salvu Buttigieg ta' Kubritu (missier Mons. Ġużeppi Buttigieg), u li tlestew fit-3 ta' Mejju 1919. Kienu maħdumin Malta, mill-Fabbrika 'Malta

Metal Works'. Il-pedistall indurat u lest, iżżanżan fil-festa ta' San Ġużepp li dik is-sena tal-1917 saret fis-27 t'April. Sas-sena 1917 l-Istatwa ta' San Ġużepp kienet tistrieħ fuq pedistall qadim fl-injam maħdum fl-1837 mill-iskultur Bormliż Mastru Salv Psaila, li snin qabel kien jintuża fil-knisja ta' Santa Elena ta' Birkirkara.

F'Lulju tal-1958 l-istatwa żżejnet b'erba' vażetti tal-fidda. Dawn saru mid-ditta 'Cassar and Sons' ta' Bormla. Għal ġo fihom saru erba' fjuretti tal-ganutell maħdumin mis-Sorijiet Ursolini tal-Belt Valletta li tħallsu minn benefatturi Qalin. Fl-1971 l-erba' simboli tal-kartapesta waħda f'kull faċċata tal-pedistall ġew mibdula minn erbgħa ġodda tal-fidda li nħadmu ġewwa Milan fejn kien ħadem pastoralment l-Arċipriet Mons. Ġużepp Borg Attard u li ġew ippurifikati kimikament meta ġie rrestawrat u indurat mill-ġdid il-pedistall fl-2007 mid-Ditta 'Laga'. Tajjeb li nfakkru li fis-sena 1990 saru festi speċjali ċentinarji biex ifakkru l-ewwel ċentinarju tal-Istatwa fostna. Prorpju f'Marzu tal-1990 l-istatwa kienet ġiet irrestawrata minn Michael Camilleri Cauchi. Kien sar ukoll bankun sabiħ għall-istatwa, maħdum minn Karmnu u Mario Portelli.



Fl-1996 sar il-pavaljun ġdid u rrakkmat għall-istatwa maħdum minn voluntiera Qalin. Fis-sena 2006 saret girlanda ġdida tal-ward tal-ganutell maħduma minn voluntiera Qalin immexxija minn Joe Mifsud tal-Qala li fis-sena 2007 irrestawra u pitter mill-ġdid in-niċċa ta' San Ġużepp. Fis-sena 2007, sar ir-restawr u l-induratura ġdida bid-deheb mill-aqwa (ta' 24 karat - ħxuna doppja), tal-pedistall mill-induratur magħruf Malti Horace Farrugia tal-Imdina, mgħejjun minn ibnu Kevin. Fis-sena 2008 ġie rrestawrat il-ġilju tal-fidda għand id-ditta 'Laga Co. Ltd, The Silversmiths'.

Meta tara lil San Ġużepp għaddej mit-toroq tal-Qala b'Ġesù żgħir f'idu jistiednek ukoll sabiex inti tibda miexi flimkien miegħu ħalli tibqa' qrib ta' Kristu. San Ġużepp jistiednek mela biex tħalli l-istagħnar tal-ħajja tiegħek, l-għeluq tad-dnub tiegħek, biex toħroġ fil-beraħ u timtela' b'dik l-arja friska u tieħu enerġiji ġodda. Il-



purċissjoni ad unur ta' San Ġużepp għandha ħafna sinifikat, għaliex turina li aħna wkoll pellegrini f'din il-ħajja u li qegħdin aħna wkoll ninsabu f'mixja li trid tkun immarkata mill-preżenza ta' Kristu, eżattament bħall-figura ta' San Ġużepp. Waqt li l-istatwa tkun għaddejja mit-toroq fejn hemm id-djar tagħna nistħajjel lil San Ġużepp ixerred il-barka ta' Alla fuqhom, l-iktar fejn hemm il-ġlied u l-inkwiet u fuq kollox fejn hemm il-mard u t-tbatija.

San Ġużepp dieħel il-knisja fit-tmiem tal-purċissjoni donnu jistiednek sabiex inti ukoll tidħol fid-dar ta' Alla ħalli ssib lil Kristu. Jurina fuq kollox li l-bibien tal-knisja jiġifieri l-bibien ta' Alla, huma dejjem miftuħin sabiex jidħlu l-qlub tant għatxana għall-preżenza ta' Kristu. Dan huwa wkoll is-sens tal-purċissjoni li ttemm il-mixja tagħha bil-barka Ewkaristika.

Minn din il-ħarsa kollha lejn l-istatwa ta' San Ġużepp li din is-sena qed tagħlaq 125 sena fostna, ejjew aħna wkoll għalhekk immorru għand Ġużeppi u nimxu miegħu għaliex huwa tassew jurina lil Ġesù, it-triq, il-verità u l-ħajja.■

